MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 2265/2004

**MOBISLE COMMUNICATIONS LIMITED**

**vs**

**REBECCA ABELA**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Novembru, 2004, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u sittax-il lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm216.23) rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta attrici skond Client Contract number 8427 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici u dana fix-xhur bejn Jannar 2004 u April 2004.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-21 ta' Ottubru 2004 u dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma'l-avviz kontra l-konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-25 ta' Frar 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u sittax-il lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm216.23), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-21 ta' Ottubru 2004 u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma'l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------